*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**AĠENDA NUMRU 12 – 27 ta' Marzu 2020**

***Minuti tat-tnax-il laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar l-27 ta' Marzu, 2020 fis-7:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' f'laqgħa virtwali fis-7:00 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda Numru 12. Il-laqgħa bdiet fis-7:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Dr. Malcolm P. Galea** | Sindku |
| | **Mark Camilleri** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija:** **Ħadd**

**Assenti :** **Ħadd**

| | | |
|---|---|---|
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Uffiċċjal preżenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Eżekuttiv |

**12.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji**

Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**12.2 Vot tal-Flus;**

Ġie diskuss il-vot tal-flus li kien ġie ċċirkolat fil-jiem ta' qabel. Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea ppropona li jiġi approvat kif preżentat. Il-Kunsillier Philip E. Zammit issekondah. Kien hemm qbil unanimu.

**12.3 One Ways fi Triq l-Ghasfura u Triq San Martin;**

One Way fi Triq l-Għasfura

Wara diskussjoni ġie deċiż li Triq l-Għasfura għandu jkollha t-traffiku jgħaddi f'direzzjoni waħda eżattament lejn Triq Santa Marija. Għandha tiġi nstallata sleeping policeman fl-istess triq sabiex il-karozzi li jkunu neżlin lejn Triq Santa Marija, ma jinżilx bi speed eċċessiv. Sabiex jikkumplimentaw is-sleeping policeman, ser jitweħħlu ukoll mera/mirja kif ukoll

give-way signs. Din il-proposta saret mill-Kunsillier Patrick Bonnici u kienet sekondata mill-Kunsillier Kevin Glynn. Kien hemm qbil unanimu.

**One Way fi Triq San Martin**

Wara diskussjoni dwar jekk Triq San Martin għandhiex tinqalbilha d-direzzjoni tat-traffiku sabiex jonqos il-periklu meta l-karozzi jkunu ħerġin minn Triq San Martin  għal quddiem il-forn li hemm f'Misrah Muxi, ma jkompliex jinħoloq periklu bla bżonn, il-Kunsill qabel li din id-diskussjoni ghandha titkompla f'laqgħat oħrajn, sabiex anke tkun tista ssir konsultazzjoni pubblika ovvjament wara li jkun permess li jsiru laqgħat pubbliċi.

**12.4 Arblu fi Vjal il-Helsien;**

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li fi Vjal il-Ħelsien hemm garaxx li ma jistax jintuża minħabba li hemm arblu tad-dawl quddiemu. Is-Sindku qal li jixtieq li ssir diskussjoni sabiex jiġi deċiż jekk l-iżvilluppatur jingħatax konċessjoni sabiex dan l-arblu jiċċaqlaqx metru spejjeż tal-kuntrattur jew inkella għandux jibqa fejn qiegħed. Is-Sindku spjega ukoll li dan l-arblu kien hemm qabel ma twaqqgħet il-binja antika li kien hemm qabel. Is-Sindku

tenna jgħid li l-iżvilluppatur qed jgħid li ser ifittex lill-Kunsill bil-Qorti. Il-Viċi-Sindku Mark Camilleri qal li ma jistax jifhem ir-raġuni għalxhiex il-Kunsill jiġi mfittex jekk l-arblu ma jiċċaqlaqx proprju minħabba li l-binja nbniet wara l-arblu.

Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li dan l-arblu m'għandux jiċċaqlaq. Dan għaliex:

1. Kien hemm każijiet oħra fejn saret l-istess talba minn sidien oħra li ġiet irrifjutata anke minn kunsilli preċedenti. Għaldaqstant dawn kellhom ibiddlu il-pjanijiet tagħhom għaliex l-arbli tat-triq kienu hemm qabel l-iżvilupp tagħhom. Jekk il-kunsill kien ser jaċċetta din it-talba allura ser ikun diskriminatorju ma' min għamel l-istess talbiet.
2. Skont anke spjegazzjoni li tat is-Segretarju Eżekuttiv, l-iżvilluppatur kien infurmat li l-Kunsill li kien fis-seħħ dak iż-żmien li kienet għadha qed titwaqqa l-binja, kien diġa ħa deċiżjoni li l-ebda arblu ma jiġi mċaqlaq, u b'dan kollu l-iżvilluppatur kien infurmat.
3. Ma jkunx korret li l-Kunsill attwali jmur kontra deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu minn Kunsilli preċedenti.

Il-Kunsill kompla jgħid li qed jitħabat ukoll ma' entitajiet oħra sabiex  jsir investiment fl-arbli ta' Vjal il-Ħelsien sabiex titjieb il-kwalita tas-servizz tad-dawl. Dan billi jitnaqqsu l-

ammont ta' arbli filwaqt li tiżdied l-emmissjoni tad-dawl għal wieħed adegwat u fl-istess ħin tkun tista tirrisolvi ruħha din il-problema għaliex ikun hemm tnaqqis tal-arbli.

**12.5 Skema Achievers**

Il-Kunsillier Mark Camilleri ħabbar li l-Kunsill ta' Ħaż-Żebbuġ ikkwalifika għall-iskema Achievers u għaldaqstant intitolat għal Eur3000. Pero fis-sitwazzjoni preżenti,ser ikolli jsir posponiment ta' dawn l-attivitajiet.

**12.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fit-8:30pm u ġiet aġġornata sine die.

**Dr. Malcolm P. Galea**

**Sindku**

**Paula M. Valletta**

**Segretarju Eżekuttiv**

*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

,

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 569191*